MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2014

Talba Numru. 120/2014

**Cutajar Limited**
**C-4975**

**vs**

**Bajada Theresa**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenuta thallas is-somma ta' mitejn u disghin ewro (€290.00) ammont dovut ghal television 32 *inch* tad-ditta Thomson, lilha mibjugh u kkonsenjat.

Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-ittra interpellatorja tat-8 ta' Jannar, 2014 u bl-imghax legali mis-7 ta' Mejju, 2013, data tal-konsenja sal-effettiv pagament kontra l-konvenuta ngunta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u disghin ewro (€290.00), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------